**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 6-13

**Data: 15ta' Mejju** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru 5.13 kif ukoll gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno wara korrezzjonijiet fuq item 7.3 meta l-Kunsillier Vincent Bongailas qal li qabel ma tittiehed din id-decizjoni irid ikun lest il-progett tax-Xewkija. Dwar item 7.1 il-Vici Sindku kellu jzid xi ilmenti tan-nies pero dawn se jigu annessi mal-minuti.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti.**

2.1 Is-Sindku qalet li dwar ir- rapport fuq ilma diehel go garaxx fi Triq Ganni Raimondo hija avvicinat lir-residenta fejn issugeritilha sabiex tiehu r-ritratti u tghaddi l-ilment taghha lill-enemalta minhabba li din qieghda tibqa ssostni li l-problema bdiet minn meta inbniet is-subsation tad-dawl. Il-Vici Sindku Chris Bruno semma li fi Triq Santa Filumena jinzel ammont kbir ta' ilma tax-xita u l-Kunsill kompla jiddiskuti xi soluzzjonijiet ghal din il-problema. Il-Kunsilliera Maria Sultana gibdet l-attenzjoni li fil-Kunsill precedenti kieku ssemmew li l-Culverts f'din it-Triq isiru meta jkun ser isir il-progett tac-Centru Civiku.

2.2 Paragon Europe – Il-Kunsill flimkien mal-iskola applikaw ghal din il-proposta, din ma tinvolvix fondi mill-Kunsill Lokali.

2.3 Youth In Action Programme organizzat mill-AKL – Il-Kunsill dahlulu 3 applikazzjonijiet, fejn fiz-zmien li gej l-Assocjazzjoni taghzel sitt zghazagh minn dawk kollha li applikaw.

2.4 Talba minn residenti fi Triq il-Hbit mill-Ajru sabiex titnaddaf l-area mill-karozzi abbandunati. Il-Kunsill wahhal in-notifika mal-karozzi abbandunati u se jaghti c-cans tipulat. F'kaz li dawn ma jitnehhewx, jigu skreppjati.

## 3. <u>Komunikat mis-Sindku.</u>

Is-Sindku ma kelliex komunikat oltre dak li qieghed jigi diskuss waqt is-seduta.

## 4. <u>Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri</u>

4.1 <u>Il-Vici Sindku Christopher Bruno ressaq dawn il-punti:</u>

a. Isiru is-sinjali sofor quddiem il-garaxxijiet. Huwa gie ssuggerit mis-Sindku li kull fejn ikun hemm talba din ghandha titressaq bil-kitba lill-Kunsill Lokali.

b. Is-Sigar ta' Triq il-Missjoni Taljana qieghdin jghattu d-dawl. Is-Sindku qalet li dawn qieghdin f'ghalqa privata. Il-Kunsill jista jqabbad persuna tizbor il-parti ta' fuq il-bankina.

c. Jerga jintbghat reminder ghar-rapport li sar lill-Enemalta dwar l-arblu ta' Triq Melchiorre De Robles.

d. Hajt fi Triq Staubenzee – Jigi mistoqsi min hu s-sid peress li qed jaqa il-blat ghal fuq il-bankina u qed ikun ta' periklu ghal min juza l-bankina.

e. Hafna siringi fl-area tal-Married Quarters tar-Ricasoli. Ghandu jsir rapport lill-pulizija.

f. Isiru xi sinjali minflok is-sleeping policeman fin-nizla tar-Rinella sabiex jigi kontrollat is-sewqan.

g. Titnehha it-targa ta' quddiem il-blokka fi Triq l-Ghassieli kantuniera ma Triq is-Salvatur u jsir poggaman. Is-Sindku qalet li din isir fiz-zmien li gej.

4.2 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dawn il-punti</u>.

a. Hija se tghaddi l-punti taghha bl-email.

4.3 Il-Kunsillier Paul Bongailas ressaq dawn il-punti:

a. Upgrading tal-website tal-Kunsill. Is-Segretarja qalet li bhal issa hemm il-problemi fuqha u li l-updating sar pero' m'hijiex tirrifletti l-updates ghall-pubbliku ingenerali. Il-Kunsill ippropona sabiex tintbghat ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex tinstab soluzzjoni ohra dwar l-updating tas-sistema. Dwar il-website l-ohra li kien jiehu hsiebha is-Sindku precedenti gie deciz li din tibda tigi updated mill-Kunsillier Paul Bongailas wara li l-updates jigu filtered mill-Kunsill.

b. Is-Sinjali tat-traffiku ta' Triq il-Barklori fuq liema raguni saru is-sinjali. Is-Sindku qalet li din ghaddiet ghall-approvazzjoni minn Transport Malta, jekk din tal-ahhar issib li s-sinjali mhux qeghdin kif suppost dawn jitrangaw kif propost.

c. Huwa qal li fi zmien l-elezzjoni generali u lokali intuzat l-arma l-hazina tal-Kalkara fl-ufficcju Elettorali. Ippropona li tintbghat ittra fejn tinforma l-ufficju dwar it-tibdil tal-arma. Is-Segretarja qalet li sabiex tintbghat din l-ittra ghandha bzonn aktar informazzjoni, peress li l-Ufficcju Elettorali suppost ikun infurmat kif xieraq.

d. Talba sabiex jinzabru s-sigar fil-pjazez.

e. Bozza gdida fi Triq il-Missjoni Taljana.

f. Proposta sabiex jigi impjegat/a persuna ohra fl-ufficju tal-Kunsill part-time, dan minhabba l-fatt li x-xoghol fil-Kunsill zdied u s-Segretarja m'hijiex tlehhaq max-xoghol taghha u xoghol iehor li jkollha taghmel meta l-iskrivana tkun bil-leave. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li din il-vakanza tissejah part-time u wara nofs inhar kif ukoll is-Sibtijiet. Dwar jekk hix skala 15 jew skala 13 ghandha tigi kkjarifikata id-differenza finanzjarja bejn iz-zewg skali.

g. Jitranga l-fustun li hemm mad-dawra tax-Xatt.

4.5 Il-Kunsillier Vince Bongailas ressaq dawn il-punti:

a. Isir xi tindif fl-area ta' Triq l-Isptar Navali u tittiehed ftit attenzjoni dwar il-hajt ta' Bighi li daqt jaqa.

b. Tittiehed azzjoni dwar lines sofor li hawn bla permess.

c. Jitrangaw is-sinjali tal-parkegg ta' Triq l-Ghassieli u Triq il-Villa tal-Armirall.

5. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha mas-Sur Anthony Briffa Annex1.**

Tressqu l-minuti b'referenza Annex1.05.13 tal-laqgha li saret mas-Sur Anthony Briffa dwar is-serata ta' Puttinu, gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tal-Kunsillier Paul Bongailas u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno.

6. **Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Giet approvata il-lista ta' Pagamenti bir-referenza 05.13

7. **Korrispondenza**

7.1 Tressaq ilment dwar Dumping fi Triq il-Genista – Is-Sindku qalet li l-ewwel din ghandha tigi kkonfermata qabel ma jkunu jistghu jittiehdu l-passi necessarji.

7.2 Progett tal-Mandragg fil-Birgu minn Transport Malta – Gie diskuss il-progett innifsu li ser isir minn Transport Malta wara li saret laqgha mal-Perit inkarigat. Gie diskuss u sar qbil li qabel ma jitnehhew xi dghajjes li diga qeghdin fuq l-art il-Birgu, ghandha tigi organizzata l-area tax-Xewkija. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li diga bghatet il-korrispondenza necessarja lill-awtoritajiet koncernati.

7.3 Dahlet talba mill-perita inkarigata mill-progett taz-zuntier tal-knisja fejn din qieghda titlob lil-Kunsill sabiex japprova l-qlugh tal-ornamental lamp fil-bandli u jigi poggut minflok iehor li kien fuq iz-zuntier u nkiser mal-qlugh tieghu. Il-Kunsill jaqbel li jsir dan diment li ezatt kif jinqala, jitpogga l-iehor minnufih ghax ma jkunx accettabli li tithalla l-area tal-bandli fid-dlam.

7.4 Saru zewg laqghat mal-kumpannija Green Mt u l-Greenpak fejn gew diskussi l-pakkett dwar il-kampanja ghall-gbir tal-iskart riciklat li dawn iz-zewg kumpanniji joffru. Il-Kunsill qabel li peress li l-kuntratt li l-Kunsill ghandu ezistenti mal-GreenPak ghadu validu, jibqa jaghmel uzu minn din il-Kumpannija. Meta dan ikun wasal biex jiskadi umbghad jigu evalwati iz-zewg kumpanniji ghall-ahjar pakkett offrut.

Il-Kunsillier Vincent Bongailas gie skuzat mis-Seduta peress li kellu impenn iehor fit-8.15 ta' filghaxija.

7.5 Is-Sindku qalet li hija flimkien mas-Segretarja marru laqgha mal-M.E.U.S.A.C. dwar fondi li l-Kunsill ikun jista jakkwista mill-Unjoni Ewropea. Gie ssuggerit li ssir laqgha mal-membri tal-Kunsill Lokali flimkien mal-persuna responsabbli mill-Meusac. Ghalhekk ghandha tigi deciza gurnata ghal din il-laqgha.

## 8. Approvazzjoni ta' Progetti u Attivitajiet

8.1 Il-Kunsillier Paul Bongailas u l-Kunsillier Vincent Bongailas ipproponew li jsir WIFI fil-pjazza tas-Sagra Familja. Is-Sindku qalet li ghandhom jigu kkuntattjati l-Malta Communications Authority sabiex inkunu nafu kemm tiswa l-ispiza ghal dan il-WIFI.

8.2 Il-Kunsillier Paul Bongailas staqsa jekk hix ser issir it-tifkira tal-monument tal-Gwerra nhar is-6 ta' Gunju 2013. Il-Kunsill qabel li din issir ghalhekk ghandu jigi nfurmat il-Kappillan tal-Parrocca sabiex issir il-quddiesa u wara isir it-tqeghid ta' kuruna fuq il-mafkar. Ghal din l-attivita jigu mistiedna l-ghaqdiet.

8.3 Il-Kunsillier Vincent Bongailas semma sabiex fuq ix-xellug tan-nizla tal-bajja ta' Rnella jitnaddaf sabiex ikun jista jsir uzu minnha. Is-Sindku qalet li dan il-progett diga issemma mill-Ministru Joe Mizzi meta gie ghal-laqgha tieghu mal-Kunsill.

8.4 Il-Kunsillier Vincent Bongailas ser jorganizza attivitajiet sportivi ghat-tfal bejn 7-12 il-sena nhar ta' Sibt (altnerat) fis-Sajf. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

8.5 Il-Vici Sindku is-Sur Christopher Bruno semma sabiex issir il-bicca bankina nieqsa li hemm fi Triq is-Sibi. Is-Sindku qalet li dan ix-xoghol jigi kkunsidrat meta jsir ix-xoghol fuq il-bankini.

## 9. Laqgha Pubblika

Din giet deciza li ssir il-Hadd 23 ta' Gunju 2013 fl-10.00 ta' filghodu fl-ufficini tal-Kunsill Lokali.

## 10. Aggornament

Is-Seduta spiccat fit-9.15 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

Speranza Chircop
Sindku

Sharon Galea Iriele
Seg Ezekuttiv